KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 43 ad hoc** **IS-SITT KUNSILL**

It-tlieta u erbgħin seduta (43) *ad hoc* tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-**Tnejn 8 ta'Awwissu, 2011** fis-5.42 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, il-Kunsilliera Marianne Aquilina, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Nicolai Gauci, Yves Cali u Julian Galea.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**
Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillier msemmi bħala raġonevoli.

Il-Kunsillier Patrick Pace bagħat *email* fejn spjega li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju, 2011. Ġie deċiż li l-Kunsillier P. Pace jiġi mistoqsi jekk l-*email* tiegħu kienitx qiegħda tirreferi għal-laqgħa tal-lum.

Il-Kunsill qabel li fl-assenza ta' korrispondenza mill-Kunsillier Debono huwa ghandu jitnizzel bhala assenti. Is-Sindku spjegat li l-Memo mibghuta mid-Dipartiment tindika li l-Kunsilliera ghandhom jindikaw bil-miktub meta ma jkunux se jattendu ghal-laqghat tal-Kunsill.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi
L-*Assistant Principal* Graziella Enriquez.

Is-Sur Joe Tabone, Head Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali
Is-Sur Chris Galea, Ufficjal Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali

Is-Sindku ppresediet.

43.a. Qabel mal-Kunsill iddiskuta l-ewwel l-*item* fuq l-Agenda, il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li kien ingħatalha suġġeriment biex il-kontenut tal-iStqarrija għall-Istampa dwar id-decizjoni tal-Enemalta biex is-servizz ikun sospiz il-Hadd minflok fost il-Gimgha, liema kontenut kien gie maqbul waqt il-laqgha precedenti, jigi mibdul kif anness f'**Dok "A"**. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta tal-Kunsilliera M. Aquilina.

43.b. Is-Sindku spjegat illi ghad iridu jinfethu l-*envelopes* mitfugha wara sejha li ghamel il-Kunsill ghal kwotazzjonijiet ghat-tindif tal-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill u tal-librerija u ghal "*Provision of Printed Material*". Is-Sindku qalet li mal-gheluq tas-sejha ghal kwotazzjonijiet fit-28 ta' Gunju 2011, hi kienet l-unika Kunsillier prezenti. Qalet li l-proceduri jitolbu li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ikun hemm zewg Kunsilliera prezenti u li ghalkemm il-Kunsilliera kienu kollha notifikati kemm permezz ta' skeda ta' appuntamenti li tinhareg mill-Ufficcju Amminsitrattiv kif ukoll permezz tat-telefon, il-kwotazzjonijiet mitfugha ma setghux jinfethu ghax ma kienx hemm in-numru mitlub ta' Kunsilliera biex ikun jista' jsir dan il-process.

**43.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Kwotazzjonijiet**

**43.1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Kwotazzjoni – SLC/K/274 - Cleaning of Council Premises**

*43.1.1.1* Infetah l-uniku *envelope* mitfugh bi kwotazzjoni ghas-servizz ta' tindif tal-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill u tal-librerija.

*43.1.1.2* Il-kwotazzjoni mingħand il-kumpanija *Gafà Saveway Cleaners Ltd* giet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kunsill għall-Kunsilliera kollha biex jevalwawha. ***"DOK B" anness mal-minuti.***

*43.1.1.3* Saret diskussjoni dwar din il-kwotazzjoni fejn il-Kunsill ikkunsidra l-esperjenza, il-prezz tal-offerent, kif ukoll il-lista tal-impjegati kollha tal-kumpanija. Il-Kunsill ikkunsidra li l-prezz kien jeskludi l-materjal ghaliex dan kellu jkun provdut mill-Kunsill. Il-Kunsillier Gauci qal li l-kumpanija *Gafà Saveway Cleaners Ltd.* tidher li ghandha lista tajba ta' kumpaniji li tahdem maghhom inkluz l-ajruport ta' Malta.

*43.1.1.4* Is-Sindku qrat l-i"*Specific Conidtions to Bidders'* mahruga mill-Kunsill.

*43.1.1.5* Il-Kunsillier Camilleri staqsiet min se jhallas il-VAT. Is-Sindku nfurmat li l-prezz ta' €5.50 is-siegha jinkludi l-VAT.

*43.1.1.6* Is-Sindku pproponiet li s-servizz ghat-tindif tal-Ufficcju Amministrattiv u tal-librerija jigi aggudikat lil *Gafa Saveway Cleaner Ltd* peress li din kienet l-unika kwotazzjoni li rcieva l-Kunsill u peress li offra termini vantaggjuzi. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, S.

Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u N. Gauci vvutaw favur. Il-Kunsillier M. Aquilina astjeniet. Il-mozzjoni għaddiet b'seba' (7) voti favur.

43.1.2 Il-Kunsillier Y. Cali staqsa jekk kienx tkompla x-xogħol fuq il-websajt li kien ħadem fuqha hu fil-bidu tas-sena precedenti. Il-Kunsill kien infurmat li ma kinitx ħarget sejħa għal kwotazzjonijiet biex isir il-websajt. Il-Kunsillier Y. Cali qal li għamel ħafna mix-xogħol hu, imbagħad qabbad lill xi ħadd ieħor biex ikompli jaħdem fuqha. Il-Kunsillier Cali qal li hu ~~ma jħossx li għandu jkun aktar responsabbli mis-sit elettoniku tal-Kunsill Lokali.~~ mhux responsabbli mis-sit elettroniku Sindku Werner kontinwa r-responsabilita' tal-website.

43.1.3 Il-Kunsillier M. Aquilina ssuġġeriet lis-Sindku biex terġa tirrevedi r-responsabilitajiet tal-Kunsilliera.
43.1.3.1 Is-Sindku qalu li dawn se jingħabu jiġu riveduti.

**43.1.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Kwotazzjoni – SLC/K/596 – "Quotation for the Provision of Printed Material"**

*43.1.4.1* Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kunsill erba' (4) kwotazzjonijiet mingħand il-kumpaniji: Union Print, Abbey Printers, CCMC Innovations Ltd u Five Star Printing.Gafà Saveway Cleaners Ltd. ***"DOK C – DOK F" annessi mal-minuti.***

*43.1.4.2* Il-kwotazzjonijiet tpoġġew fuq il-mejda għall-Kunsilliera kollha biex jevalwawhom.

*43.1.4.3* Qabel ma bdiet id-diskussjoni fuq il-kwotazzjoni SLC/K/596, il-Kunsillier J. Galea qal li l-Kunsill għandu jkollu s-servizz ta' *designer* wieħed li jiddisinja kemm is-sit elettroniku tal-Kunsill kif ukoll il-*magazine* tal-Kunsill. Il-Kunsillier Galea qal li l-Kunsill għandu jistampa mappa ġdida ta' Tas-Sliema aktar aġġornata. Il-Kunsillier Galea zied jgħid li l-Kunsill jista' jistaqsi wkoll għad-disinn ta' *leaflets* u *flyers*. Huwa qal li l-Kunsill għandu joħroġ kwotazzjoni għas-servizz ta' *designer*. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex il-Kunsill itiha l-*specifications* biex tkun tista' toħroġ is-sejħa minħabba li jkun hemm bżonn ta' aktar dettalji bħan-numru ta' paġni u d-daqs tal-magazine fost l-oħrajn. Is-Sindku ipproponiet li minħabba li l-Kunsilliera preżenti mhumiex esperti fil-qasam tad-disinn il-Kunsill għandu joħroġ *request for information* għal prezzijiet għad-disinn ta' *magazine, leaflets,* mappa ta' Tas-Sliema u sit elettroniku. Il-Kunsillier Cali qal li r-*request for information* għandha tinkludi talba għal informazzjoni dwar id-disinn ta' A4 2 gate u A4 3 gate leaflet, A5 2 gate leaflet, poster A3, flyer A4, flyer A5, mappa daqs A2, magazine, u ta' sit elettroniku. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha toħroġ din is-sejħa għal informazzjoni. Il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku qabel b'mod unanimu li l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern għandu jidher għal perjodu ta' erba' ġimgħat minħabba li mhux ta' natura urġenti.

*43.1.4.4* Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-Kwotazzjoni – SLC/K/596 – *"Quotation for the Provision of Printed Material".*

43.1.4.5 Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz tal-offerenti kif ukoll l-esperjenza.

43.1.4.6 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li l-*Abbey Printers* u s-*CCMC Innovations Ltd* huma l-ogħla mill-erba' offerenti. Is-Sindku nnutat li *CCMC Innovations Ltd* offew prezz irħas għall-istampar tal-flyer izda huma ogħla fl-stampar tal-items l-oħra meta mqabbla mal-*Union Print* u mal-*5 Star*.

43.1.4.7 Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li l-*Union Print* hija kumpanija li għandha esperjenza vasta f'dan il-qasam. Il-Kunsilliera M. Aquilina u l-Y. Cali qalu li l-kumpanija *Union Print* għandha iktar minn 50 sena esperjenza.

43.1.4.8 Is-Sindku pproponiet li l-kwotazzjoni **SLC/K/596 – "Quotation for the Provision of Printed Material"** tiġi aggudikat lil *Union Print* għaliex *overall* offrew l-irħas prezzijiet u għandhom esperjenza vasta f'dan il-qasam. l-Kunsillier N. Gauci ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu. Il-mozzjoni għaddiet bi tmien (8) voti favur.

## 43.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Offerta

43.2.1 Ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kunsill offerta waħda mingħand il-kumpanija *Polidano Bros* għas-sejħa għall-offerti SLC/T/591 – "*Resurfacing of Roads under the Public Private Partnership Scheme*". ***"DOK G" anness mal-minuti.***

43.2.1.1 Qabel mal-Kunsill kompla bl-aggudikazzjoni ta' din l-offerta, il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill ilu sena jiġri wara l-Perit David Vassallo biex dan tal-aħħar jipprezenta rapport dwar kif inhu l-aħjar mod biex ikunu mpinġija l-kaxxi fi Triq Sant' Enriku. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu ~~jaqbad u~~ jpingi dawn il-kaxxi. Is-Sindku qalet li meta l-Kunsill involva l-Perit l-iskop tal-Kunsill kien li jara l-aħjar mod ta' kif jista' izid il-parkeġġ f'din it-triq. Il-Kunsillier Y. Cali kien ta l-istess opinjoni. Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li f'Tas-Sliema hemm problema ta' parkeġġ u għaldaqstant tkun xi ħaġa tajba jekk ikunu jistgħu jizdiedu l-kaxxi għal parkeġġ. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu joħroġ *warning* lill-Perit għal kull korrispondenza b'"*reminder*" li tibgħat is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier N. Gauci qal li Tas-Sliema hija lokalita kbira u li għaldaqstant il-Kunsill għandu jimpjega Perit li jkun dedikat għall-Kunsilll u jekk hemm il-bzonn l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti oħra għas-servizz ta' perit. Il-Kunsillier Gauci staqsa jekk il-Perit Vassallo kienx bagħat kont biex jitħallas għas-servizzi tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Uffiċċju Amministrattiv ma kienx irċieva kontijiet mingħand il-Perit Vassallo. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Perit Vassallo għandu jinħariġlu *warning* għal kull korrispondenza li ma rrispondix mill-1 t'Awwissu 2011 u ppropona wkoll li l-Perit Vassallo ikun avżat li se jirċievi *warning* għal kull korrispondenza li ma jirrispondix fi żmien ġimgħa. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat. Il-Viċi Sindku, Il-Kunsilliera M.Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri u N.Gauci vvutaw

favur. Is-Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri u J. Galea ivvutaw kontra. Il-proposta għaddiet b'ħames (5) voti favur.

43.2.1.2 Il-Kunsill kompla bl-aggudikazzjoni tal-offerta SLC/T/591 – "*Resurfacing of Roads under the Public Private Partnership Scheme*".

43.2.1.3 Il-Kunsillier Gauci qal li hu impjegat ta' Poldano Bros u ghalaqstant ihoss li ma kienx idonju li jippartecipa fl-aggudikazzjoni ta' din l-offerta.

***Il-Kunsillier N.Gauci ġie skużat li johrog mis-seduta fit-7.34 ta' filgħaxija.***

43.2.1.4 Tkompla l-process ta' aggudikazzjoni ta' din l-offerta fejn il-Kunsill innota li l-"*Bid Bond*" kienet valida, kif ukoll li d-dokumenti mitluba fosthom in-"*Non Collusive Tendering Certificate*" u l-"*Form of Goods and Services*" kienu gew kumpilati. Kien innutat ukoll li din kienet l-unika offerta li rcieva il-Kunsill.

43.2.1.5 Is-Sindku pproponiet li s-sejha ghall-offerti SLC/T/591 tkun aggudikata lil Polidano Bros peress li din kienet l-unika offerta li rcieva l-Kunsill. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali u J. Galea vvutaw favur. Il-Vici Sindku, u l-Kunsilliera M. Aquilina u S. Camilleri astjenew. Il-mozzjoni għaddiet b'erba (4) voti favur.

43.2.1.6 Il-Viċi Sindku qal li xtaq jikkwalifika l-vot tiegħu u qal li hu astjena minħabba illi kull triq li għamel dan il-kuntrattur f'Tas-Sliema dejjem kellha ħafna problemi u kien hemm kazijiet fejn kien hemm toroq li kellhom isiru aktar minn darba. Hu qal illi peress li l-kumpanija *Polidano Bros* kienet l-unika offerent kellu jastjeni għaliex ma kienx hemm minn fejn seta' jintgħażel kuntrattur ieħor.

43.2.1.7 Il-Kunsillier M. Aquilina ukoll qalet li xtaqet tikkwalifika l-vot taghha u qalet li hi qed tastjeni għall-istess raġunijiet.

***Il-Kunsillier N.Gauci reġa daħal lura ghas-seduta fit-7.52 ta' filgħaxija.***

43.c. F'dan l-istadju l-Kunsill rega ddiskuta Triq Sant' Enriku u n-nuqqas ta' kaxxi ghall-ipparkeggjar ta' vetturi. Is-Sindku qalet li l-kaxxi għandhom ikunu mpengija kif kienu ladarba kien hemm xi Kunsilliera li qalu li r-residenti lmentaw maghhom. Il-Kunsillier Y. Cali qal li n-nies se jilmentaw jekk isir hekk. Is-Sindku pproponit li l-Kunsill ghandu jerga jikteb lill-Perit Vassallo u jtih ġimgħa ċans sas-16 t'Awwissu 2011 biex iwiegeb dwar l-ahjar mod biex jigu mpingija l-kaxxi ghall-ipparkeggjar. Fin-nuqqas ta' gwida minghand il-Perit fiz-zmien stipulat il-Kunsill għandu jerga jpingi l-linji kif kienu qabel l-oghti mill-gdid tal-wicc tat-Triq Sant' Enriku bit-tarmac. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

43.d. Is-Sindku ressqet ghal kunsiderrazzjoni tal-Kunsill il-prezz tat-tabelli proposti mill-Vici Sindku biex l-istudenti tal-Ingliz ma jaghmlux storbju f'zoni residenzali. Dawn kienu se jiswew €41.15-il wieħed. Il-Vici Sindku ppropona li t-test fuq dawn is-sinjali ghandu jkun simili ghal dak tas-sinjali li hemm Tigne. Kien hemm qbil unanimu li dawn is-sinjali ghandhom jinxtraw u li jitwahhlu hdejn l-iskejjel u r-residenzi tal-istudenti barranin li jigu jitghallmu l-lingwa Ingliża.

43.e. Il-Kunsillier S. Camilleri talbet biex tkun taf kemm kienu mħarrka nies li nqabbdu jitimgħu l-ħamiem mill-gwardjani lokali.

43.f. Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li l-Kunsill ghandu jagħmel avviż fil-gazzetti fejn jagħti ġimgħatejn ċans biex in-nies jgħidulna jekk iridux li l-Kunsill jaghmilhom xibka mal-ventilaturi tad-djar tagħhom. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill m'ghandux gurisdizzjoni fuq proprjeta privata u fakkret li f'laqgha precedenti l-Kunsill kien ha d-deċiżjoni li jitlob il-parir tal-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ghandu jistenna r-risposta tal-Avukat tal-Kunsill.

***Il-Kunsillier E. Cushieri ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-7.56 ta' filgħaxija.***

43.g. Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera kollha jagħmlu lista ta' fejn jafu li hemm invażjoni ta' ħamiem.

43.h. Il-Kunsillier J. Galea qal li hawn numru ta' guvi f'Tas-Sliema li huma illegali. Qal li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Pulizija biex jiehdu azzjoni dwar dan. Ma kienux imressqa indirizzi ta' fejn hemm dawn il-guvi f'Tas-Sliema.

**Is-seduta ntemmet fit-8.05 ta' filgħaxija.**

**Laqgħa oħra ġiet aggornata għall-Erbgħa 17 t'Awissu, 2011, fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

~~Svetlana R. Curmi~~
~~Segretarju Eżekuttiv~~

Minuti approvati llum ......6.................. ........ ta' ......Ottubru.............. 2011.
(jum) (data) (xahar)